**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta ta' 20 ta' Novembru 2018**

Rikors Numru 334/2017

**SpotOn Gypsum limited (C 17199)**

**vs**

**Iprojects Ltd (C 74790)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat fl-10 ta' Novembru 2017 fejn is-socjeta' rikorrenti talbet li s-socjeta' intimata tigi kkundannatha thallas is-somma ta' EUR 11,109.46c oltre l-imghax legali mis-27 ta' Lulju 2017 rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lilha koncernanti xogholijiet minnhom suppliti u installati skond kuntratt ta' subappalt rigwardanti gypsum plaster board partitions u suffitti maghmula fl-ufficju tac-CEO Head Office, Awtorita' ta' l-Ippjanar, il-Furjana u l-Berga tal-Gvern, l-Imsida tul din l-ahhar sena, liema xogholijiet gew konkordati skond rati miftehma u 'Bill of Quantities' mahrug u mkejjel mill-Perit Joseph Grech li kopja tieghu giet ezebita bhala Dok A, B, C u D. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Ottubru 2017, tal-Mandat ta' sekwestru nru 2029/2017 u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' IProjects Ltd ipprezentata fil-11 ta' Jannar 2018 fejn inghad:

i. Illi preliminarjament, l-esponenti mhijiex il-legittima kontradittrici f' din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma kellhiex u m' ghandiex ebda relazzjoni legali jew guridika mas-socjeta' rikorrenti fir-rigward tax-xogholijiet mertu tal-azzjoni odjerna;

ii. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kwalunkwe ammonti dovuti lis-socjeta' rikorrenti thallsu;

iii. Illi in oltre jigi eccepit illi d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' rikorrenti u annessi mal-Avviz bhala Dok A, Dok C u Dok D huma skorretti stante li l-kalkoli pprezentati hemm huma konfliggenti ma' kalkoli ohra;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut lis-socjeta' rikorrenti minn dik esponenti huwa nferjuri ghal dak li qieghed jigi reklamat mir-rikorrenti;

v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Rat id-dokumenti u affidavits ezebiti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti mis-socjeta' rikorrenti u mis-socjeta' intimata.

Rat illi minkejja li s-socjeta' intimata nghatat l-opportunita' illi tahtar avukat iehor biex jippatrocinaha wara li l-avukat precedenti taghha rrinunzja ghall-patrocinju, l-istess socjeta' intimata baqghet ma dehritx u baqghet ma ghazlitx avukat ta' fiducja taghha.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2018, il-Qorti ordnat li l-provi tas-socjeta' konvenuta jigu dikjarati maghluqa u li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda prodotta mis-socjeta' rikorrenti jirrizulta illi:

i. Iprojects Limited hadet kuntratt biex jaghmlu xogholijiet fl-Awtorita' tal-Ippjanar u dan skont ma jirrizulta minn Dok DA1 datat 8 ta' Lulju 2016.

ii. f' Gunju 2016 is-socjeta' rikorrenti dahlet f' negozju ma' Iprojects Limited biex isir xi xoghol bhala sub-appalt fic-Chairman's Office fl-Awtorita' tal-Ippjanar bhala sub-appalt u gew miftehma rati u metraggi skont *bill of quantities* ezebita bhala Dok DA2.

iii. Ix-xoghol sar mis-socjeta' rikorrenti u kien jikkonsisti f' xogholijiet suppliti u stallati rigwardanti gypsum plasterboard partitions u suffiti skont *bill of quantities* mahrug u mkejjel mill-Perit Joseph Grech il-perit tal-*planning authority* u l-assistant tieghu Julian Thompson (Vide Dok A).

iv. Inhareg kont mill-perit tas-socjeta rikorrenti ezebit bhala Dok D.

v. Il-kont tal-Perit tas-socjeta' rikorrenti inhareg ghal EUR 39,328.51c mentri il-kont tal-Perit Joseph Grech nhareg ghal EUR 39,802.59c.

vi. Saru zewg pagamenti akkont lis-socjeta' rikorrenti fit-23 ta' Novembru 2016 versu s-somma ta' EUR 9,000 (Dok DA3) u fit-28 ta' April 2017 versu s-somma ta' EUR 20,000 (Dok DA 4). L-ewwel cekk nhareg minn IProjects Limited mentri t-tieni cekk nhareg minn I Projects Consortium.

vii. Fadal bilanc ta' EUR 10,802.59c inkluz il-VAT kif ukoll EUR 306.87c li jinkludi xoghol iehor li sar mis-socjeta' rikorrenti fil-erga ta' l-Msida.

viii. Gie nnegat li s-socjeta' rikorrenti ghamlet ftehim ma' Iprojects Consortium. Saret insistenza illi s-socjeta' rikorrenti qatt ma ghamlet ftehim ma' Mario Griscti, Victor Scerri ta' Saint Anthony Wood works u/jew Andrew Vassallo ta' Andrew General Trading lImited u jew Kert Feras u.jew Alan Agius ta' E & M Secure u/jew Oliver Camilleri.

Da parti tas-socjeta' intimata, tressaq jixhed Mario Grixti li nsista li Iprojects Limited kienet applikat u hadet it-tender in kwistjoni izda x-xoghol kien ta' Iprojects Consortium. Sostna li hemm dokumenti li jippruvaw li l-consortium huwa mnizzel f' dik it-tender. Insista li t-tender qed tghajjat lil Consortium illum

il-gurnata. Madanakollu, din l-allegazzjoni qatt ma giet ippruvata ghaliex dawn l-allegati dokumenti baqghu qatt ma gew pprezentati.

Din il-Qorti ghandha ghalhekk quddiemha sitwazzjoni fejn il-provi tas-socjeta' rikorrenti ma gewx kontradetti bi provi sodifacenti. Il-Qorti ghandha wkoll xhieda ta' Oliver Camilleri li huwa persuna involuta f' Iprojects Consortium illi kkonferma bil-gurament tieghu li l-ftehim mas-socjeta' rikorrenti ma sarx mal-Consortium u kif ukoll xehed li l-kuntratt tax-xoghol ittiehed minn Iprojects Limited u mhx mill-Consortium.

Il-Qorti ghalhekk tqies li l-eccezzjoni preliminari ma gietx ippruvata.

Il-Qorti qieset ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra imressqa izda dwar dawn, lanqas ma tressqu provi.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqies li l-provi prodotti mis-socjeta' rikorrenti huma sufficjenti biex jikkonvincu lil din il-Qorti li t-talbiet maghmula fl-avviz odjern ghandhom jigu milqugha.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lil IProjects Limited (C 74790) sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti SpotOn Gypsum Limited (C17199) s-somma ta' hdax-il elf, mija u disa' Ewro u sitta u erbghin centezmi ta' Ewro (EUR 11,109.46c) oltre l-imghax legali mis-27 ta' Lulju 2017 rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut koncernanti xogholijiet minnhom suppliti u installati skond kuntratt ta' subappalt rigwardanti gypsum plaster board partitions u suffitti maghmula fl-ufficju tac-CEO Head Office, Awtorita' ta' l-Ippjanar, il-Furjana u l-Berga tal-Gvern, l-Imsida. Tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Ottubru 2017 u tal-Mandat ta' sekwestru nru 2029/2017 jkunu a karigu tas-socjeta' intimata.**

**Magistrat** **Deputat Registratur**